**Politika ta' Privatezza**
**Rigward stħarriġ Wiċċ imb Wiċċ, telefown u Onlajn**
Aġġornata l-aħħar: 28/02/2024, verżjoni 5

## 1. Introduzzjoni

Dan l-istħarriġ qed isir onlajn, fuq it-telefown jew wiċċ imb wiċċ minnha Kantar Belgium SA (Verian) jew minn fornitur tagħna MISCO International f'isem wieħed mill-klijenti tagħna. Spiss il-kontrollur tad-data jkun il-klijent tagħna, iżda xi drabi jista' jkun ukoll Verian. Billi tipparteċipa f'dan l-istħarriġ, int taqbel mal-użu tal-informazzjoni personali tiegħek kif deskritt f'din il-politika. Aħna nitolbuk taqra din il-politika ta' privatezza bir-reqqa.

Għall-finijiet ta' din il-politika, id-definizzjoni ta' "data personali" hija kwalunkwe informazzjoni li tirrigwarda u li tista' tidentifika individwu ħaj.

## 2. Ġbir u Użu B'mod Legali

L-għan li għalih aħna qed niġbru d-data personali tiegħek huwa biex inwettqu riċerka dwar l-opinjoni pubblika.

Meta nikkuntattjawk, ġeneralment permezz ta' email, bil-posta, bit-telefown jew fiżikament, aħna nagħmlu dan biex nistednuk sabiex tipparteċipa fi stħarriġ dwar l-opinjoni pubblika wiċċ imb wiċċ, fuq it-tefown jew onlajn. Spiss, nistgħu nikkuntattjawk għal waħda minn dawn ir-raġunijiet:

| Każ | Għan | Data miġbura/proċess ata | Bażi Ġuridika |
|---|---|---|---|
| **Riċerka ulterjuri** | Nikkuntattjawk mill-ġdid biex tipparteċipa f'riċerka ulterjuri | Dettalji ta' kuntatt, identifikatur uniku, data ta' stħarriġ | Kunsens – aħna nistednuk biss għal riċerka ulterjuri jekk tkun tajtna l-permess biex nikkuntattjawk mill-ġdid biss. |
| **Kontroll tal-kwalità** | Evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-intervistaturi. | Dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz tiegħek | Interessi leġittimi – aħna għandna interess leġittimu fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-intervistaturi. |
| **Kuntatt mill-ġdid għal aktar informazzjoni** | Kuntatt mill-ġdid miegħek biex tiġi ċċarata problema ta' kwalità fi stħarriġ li inti pparteċipajt fih | Dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz tiegħek | Kunsens – aħna se nerġgħu nikkuntattjawk dwar stħarriġ li inti pparteċipajt fih biss |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | jekk inti tkun tajtna l-permess nagħmlu hekk. |

Meta tipparteċipa fl-istħarriġ tagħna, nistgħu nitolbuk firxa ta' informazzjoni, inkluż pereżempju, l-opinjonijiet personali tiegħek, u informazzjoni demografika, bħall-età tiegħek u l-kompożizzjoni ta' darek. Int tista' tirrifjuta li twieġeb għal kwalunkwe mistoqsija jew li tirtira mill-parteċipazzjoni fi studju fi kwalunkwe ħin.

Aħna qatt mhu se nagħtu rappreżentazzjoni qarrieqa tagħna nfusna jew ta' dak li qed nagħmlu. Jekk tirċievi email li tikkonċernak, u li tagħti x'tifhem li hija mingħandna, jekk jogħġbok għarrafna b'dan kif jidher hawn taħt f'"Kif tikkuntattjana".

### 3. Partijiet Terzi u Trasferiment tad-Data bejn il-Fruntieri

Tista' sserraħ rasek li aħna se nipproteġu l-privatezza tiegħek. Aħna mhux se nagħmlu d-data personali tiegħek disponibbli għal xi ħadd jekk int ma taqbilx dwar dan sakemm dan ma jkunx għal finijiet ta' riċerka jew sakemm ma jkunx meħtieġ mil-liġi. Dan jinkludi ismek u l-indirizz tal-email tiegħek.

Id-data personali tiegħek tista' tinġabar, tiġi maħżuna, trasferita jew ipproċessata mill-grupp Verian, jew mill-fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi għal finijiet relatati mar-riċerka, bħall-ipproċessar tad-data, kemm fiż-ŻEE kif ukoll barra minnha. Dawn kollha huma marbuta b'kuntratt biex iżommu kwalunkwe informazzjoni li jiġbru jew li jiddivulgaw lilna, jew li aħna niġbru u niddivulgaw lilhom, kunfidenzjali u jridu jipproteġuha bi standards u prattiki ta' sigurtà li huma ekwivalenti għal tagħna.

Meta dawn it-trasferimenti jseħħu bejn il-fruntieri jew barra miż-ŻEE aħna nqiegħdu salvagwardji fis-seħħ sabiex niżguraw li t-trasferiment isir b'metodu leġittimu għall-finijiet tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE u jkun sikur.

### 4. Rekwiżiti ta' Kunfidenzjalità u tal-Industrija

Aħna nieħdu l-miżuri teknoloġiċi u organizzazzjonali xierqa biex nipproteġu d-data personali li tintbagħtilna, kemm matul it-trażmissjoni kif ukoll meta nirċevuha. Il-proċeduri ta' sigurtà tagħna huma konsistenti ma' standards kummerċjali aċċettati b'mod ġenerali użati għall-protezzjoni tad-data personali. Sfortunatament, l-ebda trażmissjoni tad-data ma tista' tiġi ggarantita li hija sikura 100 %. Minħabba f'hekk, filwaqt li nistinkaw biex nipproteġu d-data personali tiegħek, ma nistgħux niżguraw jew niggarantixxu s-sigurtà ta' kwalunkwe informazzjoni li inti tittrażmettielna jew minn prodotti jew servizzi online, u int responsabbli għal dan. Ladarba nirċievu t-trażmissjoni tiegħek, aħna nieħdu passi raġjonevoli sabiex niżguraw li s-sistemi tagħna jkunu sikuri.

L-impjegati kollha tagħna huma kuntrattwalment obbligati li jsegwu l-politiki u l-proċeduri tagħna fir-rigward tal-kunfidenzjalità, tas-sigurtà u tal-privatezza.

Aħna naderixxu mal-istandards u r-rekwiżiti tal-industrija li ġejjin:

- il-kodiċi ta' kondotta professjonali MOA u ESOMAR;
- ISO 20252 l-istandard ta' kwalità tar-riċerka tas-suq internazzjonali;
- ISO 9001 l-istandard internazzjonali għas-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità;

- ISO 27001 l-istandard internazzjonali għas-sigurtà tad-data;

5. **Preċiżjoni**

Aħna nieħdu l-passi raġjonevoli kollha sabiex inżommu d-data tiegħek fil-pussess jew fil-kontroll tagħha, u li tintuża fuq bażi kontinwa, preċiża, kompleta, attwali u rilevanti, abbażi tal-aktar informazzjoni riċenti disponibbli għalina minnek u/jew mill-klijent tagħna.

Aħna niddependu fuqek biex tgħinna nżommu d-data personali tiegħek preċiża, kompleta u attwali billi twieġeb il-mistoqsijiet tagħna b'mod onest u int responsabbli li tiżgura li l-kontrollur tad-data (li jista' jkun aħna jew - aktar spiss - il-klijent tagħna) jiġi nnotifikat bi kwalunkwe tibdil fid-data personali tiegħek.

6. **Il-Ġbir tad-Data tat-Tfal**

Aħna qatt ma nistiednu lil tfal taħt l-età ta' 16-il sena biex jipparteċipaw fi studji ta' riċerka mingħajr permess. Jekk ikun meħtieġ u xieraq li fi proġett partikolari ninvolvu lil tfal ta' taħt is-16-il sena, aħna nieħdu l-miżuri sabiex niżguraw li ngħatajna l-permess mill-adult responsabbli.

7. **Ġbir ta' Data Sensittiva**

Fl-istħarriġ tagħna nistgħu niġbru data personali sensittiva, bħal informazzjoni dwar l-oriġini razzjali jew etnika tiegħek, opinjonijiet politiċi, reliġjużi jew simili jew dwar is-saħħa jew il-kundizzjoni mentali tiegħek. Aħna niġbru biss din it-tip ta' data jekk tagħtina l-kunsens espliċitu li nagħmlu dan.

8. **Drittijiet ta' Individwi**

Sabiex titlob l-aċċess għad-data personali li għandna tiegħek, jenħtieġ li tissottometti t-talba tiegħek bil-miktub fuq l-indirizz tal-email jew l-indirizz postali muri f'"Kif tikkuntattjana".

Int għandek id-drittijiet li ġejjin fir-rigward tad-data personali tiegħek:

- id-dritt li tibdel il-ħsieb u tirtira l-kunsens tiegħek
- id-dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħek
- id-dritt li tirretifika d-data personali tiegħek
- id-dritt li tħassar id-data personali tiegħek mis-sistemi tagħna, sakemm ma jkollniex raġunijiet leġittimi biex inkomplu l-proċess tal-informazzjoni
- id-dritt għall-porting tad-data personali tiegħek (dritt ta' portabbiltà)
- id-dritt li tillimita l-ipproċessar tad-data personali tiegħek
- id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek

Aħna ninnotifikaw ukoll lill-partijiet terzi li nkunu ttrasferejnielhom id-data personali tiegħek bi kwalunkwe bidla li nkunu għamilna fuq talba tiegħek. Innota li filwaqt li aħna ninfurmaw lil dawn il-partijiet terzi, m'aħniex responsabbli għall-azzjonijiet li dawn jieħdu biex iwieġbu t-talba tiegħek. Int jaf tkun tista' taċċessa d-data personali tiegħek miżmuma minn dawn il-partijiet terzi u tikkoreġi, temenda jew tħassar il-partijiet li ma jkunux preċiżi.

9. **Ħżin u Żamma tad-Data**

Id-data personali se tinżamm biss għal tali perjodu kif xieraq għall-użu intiż u legali tagħha. F'dan il-każ aħna ma nżommux id-data għal aktar minn 5 snin sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mil-liġi. Id-data personali li ma tkunx aktar meħtieġa titneħħa b'tali mod li jiġi żgurat li n-natura kunfidenzjali ma tiġix kompromessa.

Bħala parti mill-pjan ta' Kontinwità tan-Negozju tal-Kumpaniji u kif mitlub minn ISO 27001,

ISO 9001, ISO 20252 u f'ċerti istanzi l-liġi, tinżamm kopja ta' riżerva tas-sistemi elettroniċi tagħna u dawn jiġu arkivjati. Dawn l-arkivji jinżammu għal perjodu ta' żmien definit f'ambjent ikkontrollat b'mod strett. Ladarba jiskadi, id-data titħassar u l-midja fiżika tinqered sabiex jiġi żgurat li d-data titħassar kompletament.

### 10. Notifika tal-Bidliet Materjali

Aħna nżommu l-politika ta' privatezza tagħna taħt rieżami regolari u minn żmien għal żmien din tista' tiġi emendata. Aħna dejjem se jkollna l-aktar politika aġġornata fuq dan is-sit web. Aħna se nirreġistraw meta l-politika ġiet riveduta l-aħħar.

Id-data li fiha nħolqot: 18/04/2018
L-aħħar li ġiet riveduta: 28/02/2024

### 11. KIF TIKKUNTATTJANA

Mistoqsijiet rigward din il-politika, ilmenti dwar il-prattiki tagħna u talbiet għall-aċċess jenħtieġ li jiġu indirizzati lit-Tim tal-Fieldwork fuq research@miscomalta.com jew bil-miktub lis-Sinjura Rebecca Gera, MISCO International, Fino Buildings 1st Floor, Mdina Road, Zone 4, Central Business District, Birkirkara.

Tista' tikkuntattja wkoll lit-tim tal-Protezzjoni tad-Data Ewropea tagħna fuq Compliance@veriangroup.com. It-tim tal-Protezzjoni tad-Data tagħna, pereżempju, jissorvelja l-konformità tagħna mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data flimkien mal-politika ta' privatezza tagħna u huwa l-punt ta' kuntatt tagħna għall-awtoritajiet ta' sorveljanza dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-data personali.

### 12. Ilmenti

Aħna ninvestigaw l-ilmenti kollha u nippruvaw insolvu dawk li nsibuhom iġġustifikati. Jekk ikun meħtieġ, aħna nemendaw il-politiki u l-proċeduri tagħna sabiex niżguraw li individwi oħra ma jesperjenzawx l-istess problema.
Jekk jogħġbok ikkuntattjana billi tuża d-dettalji t'hawn fuq.

Int għandek ukoll id-dritt li tilmenta mal-Awtorità tal-Protezzjoni tad-Data. Tista' tressaq kwalunkwe lment dwar il-prattiki tagħna bil-miktub lill-Awtorità tal-Protezzjoni tad-Data ta' Malta Data Protection Authority, Information and Data Protection Commissioner, Level 2, Airways House, High Street, Sliema.